MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Numru. 208/2011

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Johan Farrugia, iben Michael, imwieled Pieta' fit-23 ta' April, 1974, karta ta' l-identita' numru 225874(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fl-14 ta' Jannar, 2011, u fix-xhur ta' qabel, f'Malta u bbnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, impjega jew ta xogħol lill-persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx liċenzja mogħtija lilhom għal dak l-impieg jew xogħol skont id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. talli taħt l-istess ċirkostanzi, bħal persuna responsabbli li kien qed isir ġewwa fond f'Ħal-Luqa u f'inħawi oħra f'Malta, impjega persuni li ma kienux ċittadini

ta’ Malta meta din il-persuna ma kelliex permess validu u uffiċjali;
3. talli fl-istess ċirkostanzi bħala prinċipal jew persuna li timpjega persuni oħra, full time, part time, jew xort’ oħra b’kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b’dan l-impjieg skont l-A.L. 110 ta’ l-1993 (artikolu 3 sa 10).

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ April, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuzi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 4, 6, 7, 11 u 32 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 sa 10 ta’ l-A.L. 110 ta’ l-1993. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fedina penali netta u tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta’ multa ta’ elf mija u ħamsa u sittin euro (€1,165).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------